2024/1279

21.5.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1279

tat-8 ta' Mejju 2024

dwar l-eżenzjonijiet mid-dazju anti-dumping estiż fuq ċerti partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tal-10 ta' Jannar 1997 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 fuq roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ċerti partijiet ta' roti mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u li jimponi d-dazju estiż fuq dawn l-importazzjonijiet reġistrati taħt ir-Regolament (KE) Nru 703/96 ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/45 tal-20 ta' Jannar 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1379 dwar l-estensjoni tad-dazju tal-anti-dumping impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' ċerti komponenti tar-roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 ([3]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 tal-20 ta' Jannar 1997 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' uħud mill-partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 71/97 tal-Kunsill, tad-dazju anti-dumping impost mir-Regolament (KEE) Nru 2474/93 tal-Kunsill ([4]), u b'mod partikolari l-Artikoli 4 sa 7 tiegħu,

Wara li informat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Dazju anti-dumping japplika fuq l-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina") ("id-dazju estiż") bħala riżultat tal-estensjoni tad-dazju anti-dumping impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw miċ-Ċina permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97.

(2) Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 71/97, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta l-miżuri meħtieġa biex tawtorizza l-eżenzjoni tal-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti li ma jiżgiċċawx id-dazju anti-dumping.

(3) Dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 ("ir-Regolament ta' eżenzjoni"), kif emendat, li jistabbilixxi s-sistema ta' eżenzjoni speċifika.

(4) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni eżentat għadd ta' assemblaturi tar-roti mid-dazju estiż ("il-partijiet eżentati").

(5) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/611 tas-17 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* l-lista tal-partijiet li qegħdin jiġu eżaminati u l-lista aġġornata tal-partijiet eżentati ([5]).

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 16, 18.1.1997, p. 55.
([3]) ĠU L 16, 21.1.2020, p. 7.
([4]) ĠU L 17, 21.1.1997, p. 17.
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/611 tas-17 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 88/97 dwar l-awtorizzazzjoni għall-eżenzjoni tal-importazzjoni ta' uħud mill-partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina mill-estensjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97, tad-dazju anti-dumping impost mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 (ĠU L 80, 20.3.2023, p. 67), l-Anness I u l-Anness II.

(6) Kif previst fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament ta' eżenzjoni, il-Kummissjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* listi sussegwenti tal-partijiet eżentati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1431 ([6]) l-aktar reċenti dwar l-eżenzjonijiet skont ir-Regolament ta' eżenzjoni ġiet adottata fit-30 ta' Ġunju 2023.

(7) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' eżenzjoni.

1. **TALBIET GĦAL EŻENZJONI**

(8) Bejn l-20 ta' Frar 2022 u t-22 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni rċeviet mingħand il-partijiet elenkati fit-Tabelli 1 u 2, talbiet għal eżenzjoni bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddetermina jekk dawn it-talbiet kinux ammissibbli f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament ta' eżenzjoni.

(9) Il-partijiet li talbu eżenzjoni ngħataw il-possibbiltà li jikkummentaw dwar il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni rigward l-ammissibbiltà tat-talbiet tagħhom.

(10) F'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni, sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-merti tat-talbiet mill-partijiet li qegħdin jitolbu eżenzjoni, il-pagament tad-dazju estiż fir-rigward ta' kull importazzjoni ta' partijiet essenzjali tar-roti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera minn dawn il-partijiet elenkati fit-Tabelli 1 u 2 ta' hawn taħt ġie sospiż minn dakinhar li l-Kummissjoni rċeviet it-talbiet debitament sostanzjati rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament ta' eżenzjoni.

2. **L-AWTORIZZAZZJONI TA' EŻENZJONI**

(11) Ġie konkluż l-eżami tal-merti tat-talba tal-partijiet elenkati fit-Tabella 1.

Tabella 1

Kodiċi addizzjonali TARIC	**Isem**	**Indirizz**
C557	Berria Bike S.L.	Calle Blasco de Garay 19, 02600 Villarrobledo, Spanja
C860	Profil Bicycles CZ s.r.o.	Hněvotín 31, 783 47 Hněvotín, Ir-Repubblika Ċeka
C863	Decathlon Sp. z o.o.	ul. Geodezyjna 76, 03-290 Warszawa - Il-Polonja

(12) Matul l-eżami tagħha, il-Kummissjoni stabbiliet li l-valur tal-partijiet li joriġinaw miċ-Ċina kkostitwixxa anqas minn 60 % tal-valur totali tal-partijiet tar-roti kollha assemblati mill-parti elenkati fit-Tabella 1.

(13) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-operazzjonijiet tal-assemblaġġ tal-partijiet elenkati fit-Tabella 1 jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

(14) Għal din ir-raġuni, u f'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni, il-partijiet elenkati fit-Tabella 1 issodisfaw il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni mid-dazju estiż.

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1431 tat-30 ta' Ġunju 2023 dwar l-eżenzjonijiet mid-dazju anti-dumping estiż fuq ċerti partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament (KE) Nru 88/97 (ĠU L 175, 10.7.2023, p. 17).

(15) F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament ta' eżenzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni ssir effettiva mid-data li fiha tiġi riċevuta t-talba li tkun debitament sostanzjata skont l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament ta' eżenzjoni. Id-dejn doganali fir-rigward tad-dazju estiż mill-parti li qiegħda titlob eżenzjoni jenħtieġ li, għalhekk, jitqies null mill-istess data.

(16) Il-partijiet interessati ġew infurmati bil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-merti tat-talbiet tagħhom rispettivament u ngħataw opportunità biex jikkummentaw dwarhom. Ma ġie riċevut l-ebda kumment.

(17) Peress li l-eżenzjoni tapplika biss għall-partijiet speċifikament imsemmija fit-Tabella 1, jenħtieġ li l-partijiet eżentati jinnotifikaw lill-Kummissjoni ([7]) mingħajr dewmien b'kull bidla għal din l-eżenzjoni (pereżempju, wara li jinbidel l-isem, il-forma ġuridika jew l-indirizz jew wara li jiġu stabbiliti entitajiet ġodda tal-assemblaġġ).

(18) F'każ li r-referenza tinbidel, jenħtieġ li l-parti eżentata tipprovdi l-informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari dwar kull modifika fl-attività tagħha marbuta ma' operazzjonijiet tal-assemblaġġ. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se taġġorna r-referenzi għal tali parti.

3. SOSPENSJONI TAL-PAGAMENTI TAD-DAZJI GĦALL-PARTIJIET LI QEGĦDIN JIĠU EŻAMINATI

(19) L-eżami tal-merti tat-talbiet mill-partijiet elenkati fit-Tabella 2 għadu għaddej. Sakemm tittieħed deċiżjoni dwar il-mertu tat-talbiet tagħhom, il-pagament tad-dazju estiż minn dawn il-partijiet huwa sospiż.

(20) Billi s-sospensjonijiet japplikaw biss għall-partijiet speċifikament imsemmija fit-Tabella 2, jenħtieġ li dawn il-partijiet jinnotifikaw lill-Kummissjoni ([8]) mingħajr dewmien b'kull bidla fihom (pereżempju wara bidla fl-isem, fil-forma ġuridika jew fl-indirizz jew wara li jiġu stabbiliti entitajiet ġodda tal-assemblaġġ).

(21) F'każ ta' bidla fir-referenza, jenħtieġ li l-parti kkonċernata tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż dwar kull modifika fl-attivitajiet tagħha marbuta ma' operazzjonijiet tal-assemblaġġ. Fejn xieraq, il-Kummissjoni se taġġorna r-referenzi ta' tali parti.

Tabella 2

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz
899I	Adrisport sas	Z.A. de Bellevue 7, 56390 Colpo - Franza
899M	Delta Sport Sp. z o.o.	Strzała, ul. Zamiejska 17, 08-199 Siedlce - Il-Polonja

4. IT-TNEĦĦIJA TAS-SOSPENSJONI TAL-PAGAMENTI TAD-DAZJI GĦAL PARTIJIET LI QEGĦDIN JIĠU EŻAMINATI

(22) Is-sospensjoni tal-pagamenti tad-dazji jenħtieġ li titneħħa għall-partijiet li qegħdin jiġu eżaminati elenkati fit-Tabella 3.

([7]) Il-partijiet jingħataw il-parir jużaw l-indirizz tal-posta elettronika li ġej: TRADE-BICYCLE-PARTS@ec.europa.eu.
([8]) Il-partijiet jingħataw il-parir jużaw l-indirizz tal-posta elettronika li ġej: TRADE-BICYCLE-PARTS@ec.europa.eu.

Tabella 3

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz
C896	Cyclision s.r.o.	Štefánikova 68, 921 01 Piešťany - Is-Slovakkja
C991	Bicicletas Mendiz S.A.	Calle Zuazobidea 22, 01015 Vitoria-Gasteiz (Álava-Araba) - Spanja

(23) Fit-8 ta' Awwissu 2022 u fis-26 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni rċeviet mingħand il-partijiet elenkati fit-Tabella 3a talba għal eżenzjoni bl-informazzjoni meħtieġa sabiex tistabbilixxi jekk it-talbiet rispettivi kinux ammissibbli f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni.

(24) F'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni, sakemm tittieħed deċiżjoni fuq il-merti tat-talbiet, il-pagament tad-dazju estiż għal kull importazzjoni ta' partijiet essenzjali tar-roti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera mill-partijiet elenkati fit-Tabella 3 ġie sospiż mid-dati li fihom il-Kummissjoni rċeviet it-talbiet għal eżenzjoni rispettivi tagħhom.

(25) Il-kodiċijiet addizzjonali TARIC C896 u C991 ġew assenjati lil Cyclision s.r.o. Is-Slovakkja ("Cyclision") u Bicicletas Mendiz S.A. Spanja ("Bicicletas Mendiz") rispettivament, sabiex jidentifikaw l-importazzjonijiet ta' partijiet essenzjali tar-roti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni libera u soġġetti għas-sospensjoni tal-pagament tad-dazju estiż.

(26) Fit-13 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni rċeviet talba minn Bicicletas Mendiz biex tiġi rtirata l-applikazzjoni għal eżenzjoni, waqt li kien għaddej l-eżami tal-merti tagħha u l-pagament tad-dazju estiż kien sospiż.

(27) Il-Kummissjoni aċċettat l-irtirar u konsegwentement is-sospensjoni tal-pagament tad-dazju estiż jenħtieġ li titneħħa. Id-dazju estiż jenħtieġ li jinġabar mid-data li fiha tiġi riċevuta t-talba għal eżenzjoni mressqa minn Bicicletas Mendiz, jiġifieri d-data li fiha daħlet fis-seħħ is-sospensjoni, li hija s-26 ta' Ottubru 2022.

(28) Fit-22 ta' Ġunju 2023, Bicicletas Mendiz ġiet informata bil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni u ngħatat l-opportunità tikkummenta dwarhom. Ma ġie riċevut l-ebda kumment.

(29) Fit-3 ta' Ottubru 2023, f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni, il-Kummissjoni identifikat perjodu ta' investigazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tagħtix eżenzjoni lil Cyclision u bagħtet kwestjonarju lil Cyclision flimkien ma' talba għal informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-assemblaġġ tagħha mwettqa matul il-perjodu ta' investigazzjoni kif identifikat.

(30) Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat lil Cyclision li f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament ta' eżenzjoni, in-nuqqas ta' preżentazzjoni tal-informazzjoni mitluba sal-iskadenza stabbilita mill-Kummissjoni jista' jwassal biex it-talba għal eżenzjoni tiġi miċħuda. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda tweġiba.

(31) Fis-6 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni tenniet it-talba biex jiġu ppreżentati d-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa dwar l-attivitajiet ta' assemblaġġ ta' Cyclision imwettqa matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Cyclision ġiet infurmata wkoll li n-nuqqas ta' preżentazzjoni tal-kwestjonarju u d-dokumentazzjoni mitluba kien jikkostitwixxi ksur tal-obbligi ta' Cyclision stabbiliti fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' eżenzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat lil Cyclision bl-intenzjoni li tiċħad it-talba għal eżenzjoni skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament ta' eżenzjoni. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda tweġiba.

(32) Fl-24 ta' Novembru 2023, Cyclision ġiet infurmata dwar il-proċeduri li għaddejjin biex tiġi adottata deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba għal eżenzjoni u li għalhekk, is-sospensjoni kienet se titneħħa u Cyclision kien se jkollha tħallas id-dazji estiżi mhux miġbura mid-data tas-sospensjoni. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda tweġiba.

(33) Konsegwentement, it-talba għal eżenzjoni mressqa minn Cyclision jenħtieġ li tiġi miċħuda f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament ta' eżenzjoni. Is-sospensjoni tal-pagament tad-dazju estiż jenħtieġ li titneħħa u d-dazju estiż jenħtieġ li jingħabar mid-data li fiha tiġi riċevuta t-talba għal eżenzjoni mressqa minn Cyclision, jiġifieri d-data li fiha daħlet fis-seħħ is-sospensjoni, li hija t-8 ta' Awwissu 2022.

5. **AĠĠORNAMENT TAR-REFERENZI GĦALL-PARTIJIET EŻENTATI**

(34) Bejn is-6 ta' Ġunju 2023 u s-7 ta' Frar 2024, il-partijiet eżentati elenkati fit-Tabella 4 nnotifikaw lill-Kummissjoni bil-bidliet f'isimhom u fl-indirizzi tagħhom. Il-Kummissjoni, wara li eżaminat l-informazzjoni ppreżentata, ikkonkludiet li dawn il-bidliet bl-ebda mod ma jaffettwaw l-operazzjonijiet tal-assemblaġġ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni jew sospensjoni stabbiliti fir-Regolament ta' eżenzjoni.

(35) Filwaqt li l-eżenzjoni ta' dawn il-partijiet mid-dazju estiż awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' eżenzjoni tibqa' mhux affettwata, ir-referenzi għal dawn il-partijiet jenħtieġ li jiġu aġġornati.

Tabella 4

Kodiċi addizzjonali TARIC	Referenza preċedenti	Bidla
A826	Rijwielen en bromfietsen L'Avenir Posthoornstraat 1, 2500 Lier, Il-Belġju	L-isem ta' din il-parti eżentata nbidel għal: L'Avenir 2.0 B.V.
C720	Propain Bicycles GmbH Schachenstraße 39, 88267 Vogt - Il-Ġermanja	L-indirizz ta' din il-parti nbidel għal: Schachenstraße 15, 88267 Vogt - Il-Ġermanja
C481	FJ Bikes Europe Unipessoal, Lda Praça do Município 8, Sala 1D, 3750 111 Águeda - Il-Portugall	L-indirizz ta' din il-parti nbidel għal: Parque Empresarial do Casarão, Avenida das Ferragens 579, 3750-860 Borralha, Águeda - Il-Portugall

6. **PARTIJIET LI GĦALIHOM L-AWTORIZZAZZJONI TA' EŻENZJONI HIJA REVOKATA**

(36) L-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni jenħtieġ li tiġi revokata għall-partijiet elenkati fit-Tabella 5.

Tabella 5

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz
8489	Cycle-Union GmbH	An der Schmiede 4, 26135 Oldenburg - Il-Ġermanja
C019	Prophete GmbH & Co. KG	Lindenstrasse 50, 33378 Rheda-Wiedenbrück -Il-Ġermanja
C202	Vanmoof B.V.	Mauritskade 55, 1092 AD Amsterdam, In-Netherlands

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz
8071	Yakari	Via Kennedy 44, 25028 Verolanuova (BS), L-Italja
8083	Établissements René Valdenaire S.A.	Rue des Poncées, 88200 Saint-Etienne-les-Remiremont, Franza
8330	NV Minerva	Schoebroekstraat 38, 3583 Paal-Beringen, Il-Belġju
C311	Juan Luna Cabrera	Calle Alhama 64, 14900 Lucena (Cordoba), Spanja
A850	Radsportvertrieb Dietmar Bayer GmbH	Zum Acker 1, 56244 Freirachdorf, Il-Ġermanja
8005	Gruppo Bici S.p.A.	Via Pitagora 15, 47521 Cesena (FO), L-Italja
8081	Scout s.n.c.	Via Pogliano 36, 20020 Lainate (MI), L-Italja
8624	Berg Toys B.V.	Stevinlaan 2, 6716 WB Ede, In-Netherlands
8767	Planet Fun S.A.	les 4 chevaliers, Rond-point de la République, 17180 Périgny, Franza
8981	Olmo Giuseppe S.p.A.	Via Poggi 22, 17015 Celle Ligure (SV), L-Italja
A172	Lenardon Lida	Via Provinciale 5, 33098 San Martino al Tagliamento (PN), L-Italja
A231	Velomarche di Giunta Giancarlo & C. s.n.c.	Via Piemonte 5/7, 61022 fraz. Montecchio, Vallefoglia (PS), L-Italja
A249	F.A.R.A.M. srl	Località Nucleo Industriale, 02015 Cittaducale (RI), L-Italja
8205	Cicli Frera S.n.c. di Antonio e Vittorio Fontana & C.	Viale dell'industria 6, 35020 Arzergrande (PD), L-Italja
A500	Bicicletas de Castilla y León S.L.	Barrio Gimeno 5, 09001 Burgos, Spanja

(37) Bejn is-17 ta' Lulju 2023 u d-19 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni ġiet innotifikata li l-partijiet eżentati elenkati fit-Tabella 5 taħt il-kodiċijiet addizzjonali TARIC 8489, C019, C202, 8071, 8083, 8330, C311 u A850 ġew stralċjati u temmew l-attivitajiet tagħhom. Barra minn hekk, il-partijiet eżentati elenkati fit-Tabella 5 taħt il-kodiċijiet addizzjonali TARIC 8005, 8081, 8624, 8767, 8981, A172, A231, A249 temmew b'mod permanenti l-attività ta' assemblaġġ tar-roti u/jew ma użawx l-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni minn Jannar 2019 u, għalhekk, ma żammewx mal-limitu stabbilit fl-Artikolu 14(c) tar-Regolament ta' eżenzjoni. Barra minn hekk, il-partijiet eżentati elenkati fit-Tabella 5 taħt il-kodiċijiet addizzjonali TARIC 8205 u A500 ma użawx partijiet essenzjali tar-roti għall-operazzjonijiet tal-assemblaġġ fi kwantitajiet ogħla mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 14(c) tar-Regolament ta' eżenzjoni.

(38) Minħabba f'hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtorizzazzjoni għal eżenzjoni mogħtija lill-partijiet elenkati fit-Tabella 5 jenħtieġ li tiġi revokata, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' eżenzjoni.

(39) Il-partijiet elenkati fit-Tabella 5 ġew informati bil-konklużjonijiet tal-Kummissjoni u ngħataw opportunità jikkummentaw dwarhom. Il-parti eżentata elenkata fit-Tabella 5 taħt il-kodiċi addizzjonali TARIC A500 wieġbet u kkonfermat li ma użatx partijiet essenzjali tar-roti għall-operazzjonijiet tal-assemblaġġ fi kwantitajiet ogħla mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 14(c) tar-Regolament ta' eżenzjoni iżda li għadha għaddejja bl-assemblaġġ tar-roti. Għal din ir-raġuni, ir-revoka tal-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni tagħhom jenħtieġ li ssir effettiva mill-għada tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ma wasal l-ebda kumment minn partijiet oħra elenkati fit-Tabella 5,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-partijiet elenkati fit-Tabella f'dan l-Artikolu huma b'dan eżentati mill-estensjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 tad-dazju anti-dumping definittiv fuq roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina impost permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2474/93 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti partijiet tar-roti mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 88/97, kif emendat, l-eżenzjoni għandha ssir effettiva mid-data li fiha tiġi riċevuta t-talba għal eżenzjoni rispettiva tal-partijiet. Dawn id-dati huma previsti fil-kolonna tat-Tabella intitolata "Data effettiva".

L-eżenzjoni għandha tapplika biss għall-partijiet speċifikament imsemmija fit-Tabella f'dan l-Artikolu.

Il-partijiet eżentati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien b'kull bidla fl-isem u fl-indirizz tagħhom, filwaqt li jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha, partikolarment dwar kull modifika fl-attivitajiet tal-partijiet marbuta mal-operazzjonijiet tal-assemblaġġ fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni.

Partijiet eżentati

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz	Data effettiva
C557	Berria Bike S.L.	Calle Blasco de Garay 19, 02600 Villarrobledo, Spanja	30.3.2022
C860	Profil Bicycles CZ s.r.o.	Hněvotín 31, 783 47 Hněvotín, Ir-Repubblika Ċeka	20.2.2022
C863	Decathlon Sp. z o.o.	ul. Geodezyjna 76, 03-290 Warszawa - Il-Polonja	21.3.2022

Artikolu 2

Il-partijiet elenkati fit-Tabella f'dan l-Artikolu qegħdin jiġu eżaminati f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 88/97.

Is-sospensjonijiet tal-pagament tad-dazju anti-dumping estiż f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 88/97 għandhom isiru effettivi mid-dati li fihom jiġu riċevuti t-talbiet għas-sospensjoni rispettivi tal-partijiet. Dawn id-dati huma previsti fil-kolonna tat-Tabella intitolata "Data effettiva".

Dawn is-sospensjonijiet tal-pagamenti għandhom japplikaw biss għall-partijiet li qegħdin jiġu eżaminati speċifikament imsemmija fit-Tabella f'dan l-Artikolu.

Il-partijiet li qegħdin jiġu eżaminati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien b'kull bidla fl-operazzjonijiet tal-assemblaġġ tagħhom marbuta mal-kundizzjonijiet ta' sospensjoni u għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti kollha bħala evidenza. Dawn il-bidliet jinkludu kwalunkwe bidla fl-ismijiet, fl-attivitajiet, fil-forom ġuridiċi, u fl-indirizzi tal-partijiet, iżda mhumiex limitati biss għalihom.

Il-partijiet li qegħdin jiġu eżaminati

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz	Data effettiva
899I	Adrisport sas	Z.A. de Bellevue 7, 56390 Colpo - Franza	21.4.2023
899M	Delta Sport Sp. z o.o.	Strzała, ul. Zamiejska 17, 08-199 Siedlce - Il-Polonja	22.5.2023

Artikolu 3

Is-sospensjoni tal-pagament tad-dazju anti-dumping estiż skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 88/97 b'dan titneħħa għall-partijiet elenkati fit-Tabella f'dan l-Artikolu.

Id-dazju estiż għandu jinġabar mid-dati previsti fil-kolonna tat-Tabella intitolata "Data effettiva".

Partijiet li għalihom is-sospensjoni titneħħa

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz	Data effettiva
C991	Bicicletas Mendiz S.A.	Calle Zuazobidea 22, 01015 Vitoria-Gasteiz (Álava-Araba) - Spanja	26.10.2022
C896	Cyclision s.r.o.	Štefánikova 68, 921 01 Piešťany - Is-Slovakkja	8.8.2022

Artikolu 4

Ir-referenzi aġġornati għall-partijiet eżentati elenkati fit-Tabella f'dan l-Artikolu huma previsti fil-kolonna intitolata "Referenza ġdida". Dawn l-aġġornamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-dati previsti fil-kolonna tat-Tabella intitolata "Data effettiva".

Il-kodiċijiet addizzjonali TARIC korrispondenti li qabel kienu attribwiti għal dawk il-partijiet eżentati kif previst fil-kolonna tat-Tabella intitolata "Kodiċi addizzjonali TARIC" jibqgħu l-istess.

Partijiet eżentati li għalihom għandha tiġi aġġornata r-referenza

Kodiċi addizzjonali TARIC	Referenza preċedenti	Referenza ġdida	Data effettiva
A826	Rijwielen en bromfietsen L'Avenir Posthoornstraat 1, 2500 Lier - Il-Belġju	L'Avenir 2.0 B.V. Posthoornstraat 1, 2500 Lier - Il-Belġju	6.6.2023
C720	Propain Bicycles GmbH Schachenstraße 39, 88267 Vogt - Il-Ġermanja	Propain Bicycles GmbH Schachenstraße 15, 88267 Vogt - Il-Ġermanja	29.8.2023

Kodiċi addizzjonali TARIC	Referenza preċedenti	Referenza ġdida	Data effettiva
C481	FJ Bikes Europe Unipessoal, Lda Praça do Município 8, Sala 1D, 3750 111 Águeda - Il-Portugall	FJ Bikes Europe Unipessoal, Lda Parque Empresarial do Casarão, Avenida das Ferragens 579, 3750-860 Borralha, Águeda - Il-Portugall	13.7.2023

Artikolu 5

L-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni mill-pagament tad-dazju anti-dumping estiż hija b'dan revokata għall-partijiet elenkati fit-Tabella f'dan l-Artikolu.

Ir-revoka għandha ssir effettiva mid-dati previsti fil-kolonna tat-Tabella intitolata "Data effettiva".

Għall-parti elenkata fit-Tabella f'dan l-Artikolu bil-kodiċi addizzjonali TARIC A500, ir-revoka għandha ssir effettiva mill-għada tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Partijiet li għalihom l-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni hija revokata

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz	Data effettiva
8489	Cycle-Union GmbH	An der Schmiede 4, 26135 Oldenburg - Il-Ġermanja	1.3.2023
C019	Prophete GmbH & Co. KG	Lindenstrasse 50, 33378 Rheda-Wiedenbrück -Il-Ġermanja	1.3.2023
C202	VanMoof B.V.	Mauritskade 55, 1092 AD Amsterdam, In-Netherlands	17.7.2023
8071	Yakari	Via Kennedy 44, 25028 Verolanuova (BS), L-Italja	1.1.2016
8083	Établissements René Valdenaire S.A.	Rue des Poncées, 88200 Saint-Etienne-les-Remiremont, Franza	20.12.2023
8330	NV Minerva	Schoebroekstraat 38, 3583 Paal-Beringen, Il-Belġju	1.1.2016
C311	Juan Luna Cabrera	Calle Alhama 64, 14900 Lucena (Cordoba), Spanja	12.2.2024
A850	Radsportvertrieb Dietmar Bayer GmbH	Zum Acker 1, 56244 Freirachdorf, Il-Ġermanja	20.2.2024
8005	Gruppo Bici S.p.A.	Via Pitagora 15, 47521 Cesena (FO), L-Italja	22.1.2024
8081	Scout s.n.c.	Via Pogliano 36, 20020 Lainate (MI), L-Italja	2.2.2024
8624	Berg Toys B.V.	Stevinlaan 2, 6716 WB Ede, In-Netherlands	6.2.2024
8767	Planet Fun S.A.	les 4 chevaliers, Rond-point de la République, 17180 Périgny, Franza	6.2.2024

Kodiċi addizzjonali TARIC	Isem	Indirizz	Data effettiva
8981	Olmo Giuseppe S.p.A.	Via Poggi 22, 17015 Celle Ligure (SV), L-Italja	6.2.2024
A172	Lenardon Lida/Cicli Bandiziol	Via Provinciale 5, 33098 San Martino al Tagliamento (PN), L-Italja	6.2.2024
A231	Velomarche di Giunta Giancarlo & C. s.n.c.	Via Piemonte 5/7, 61022 fraz. Montecchio, Vallefoglia (PS), L-Italja	6.2.2024
A249	F.A.R.A.M. srl	Località Nucleo Industriale, 02015 Cittaducale (RI), L-Italja	6.2.2024
8205	Cicli Frera S.n.c. di Antonio e Vittorio Fontana & C.	Viale dell'industria 6, 35020 Arzergrande (PD), L-Italja	6.2.2024
A500	Bicicletas de Castilla y León S.L.	Barrio Gimeno 5, 09001 Burgos, Spanja	l-għada tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u lill-partijiet elenkati fl-Artikoli 1 sa 5 u ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2024.

Għall-Kummissjoni
Valdis DOMBROVSKIS
Viċi President Eżekuttiv